# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 86

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 86

L-Erbgħa 19 ta' Lulju 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

86.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stephen Sultana, tas-Sur Anthony Dalli, u tas-Sur Andrè Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

86.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ġibdet l-attenzjoni dwar punt numru 84.6.1 mill-Minuti. Ir-Reġjun irċieva e-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija sabiex jinforma lir-Reġjun li t-total tax-xogħolijiet ta' tabelli u sinjali fir-raħal jammonta għal €1240.18 u mhux €1086.78.

86.2.2 Il-membri preżenti qablu unanimament dwar dan.

86.2.3 Il-minuti tas-Seduta Nru 85 li saret nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

86.2.4 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta il-Kunsillier ta' San Ġwanna, is-Sur Dominic Cassar, u sekondati mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai.

## 86.3 Komunikazzjoni mill-President

86.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri preżenti dwar il-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari, l-Onoroveli Silvio Parnis, fuq talba tar-Reġjun. Din il-laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju 2017 ġie ppreżentat l-aħħar rapport finanzjarju sabiex l-Onorevoli Parnis jifhem aħjar il-qagħda ħazina li jinsab fiha dan ir-Reġjun.

86.3.2 ***17:52pm – il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, s-Sinjura Rita Borg, waslet għal din il-laqgħa.***

86.3.3 Il-President, is-Sur Fenech Adami, żied jgħid li fil-ġimgħat li ġejjin l-On. Parnis ser ikun qed jiltaqgħa mal-Kunsilli Lokali b'mod individwali.

86.3.4 Il-President informa lill-membri dwar l-irwoli ġodda lis-Sur Michael Cohen u lis-Sur Mario Fava li għadhom kif ġew maħtura bħala konsulenti mal-Ministru. Żied jgħid li l-irwol tas- Sur Mario Fava, President ta' l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL), kif ukoll ta' konsulent jikkontradixxu lil xulxin.

86.3.5 Kien hemm diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti dwar dan.

86.3.6 Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, staqsa jekk l-Onorevoli Parnis esprimix x'viżjoni għandu fuq ir-Reġjuni waqt il-laqgħa mal-President tar-Reġjun.

86.3.7 Il-President spjega li peress li milux li ġie maħtur, wieħed ma jistax jistenna li jingħata viżjoni f'dan l-istadju. Però din il-laqgħa serviet sabiex l-On. Parnis ikun infurmat dwar l-istat tar-Reġjuni, b'mod speċjali ta' dan ir-Reġjun.

86.3.8 *17:55pm – Is-Sindku ta' Ta Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

## 86.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

86.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lil membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

86.4.2 Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, xtaq li jingħata aktar tagħrif dwar il-proposta ta' kif ser tintnefaq is-somma ta' €200,000 mgħotija mid-Dipartiment għal Gvern Lokali wara li kien sar l-istudju fuq il-Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali.

86.4.3 Il-President spjega li ser jinħarġu żewġ sejħiet fejn bħalissa qiegħed jiġi ppreparat l-ewwel sejħa sabiex ir-Reġjun ikollu persuna li jkun jista' japplika għal programmi Ewropej. Kull Kunsill Lokali jista' jagħmel użu min din il-persuna fix-xhar kif ukoll NGOs li javviċinaw lill-Kunsilli Lokali.

86.4.4 Il-Kunsillier Paul Radmilli staqsa jekk din il-persuna tkunx tista' tiġi mqabbda mir-Reġjun.

86.4.5 Is-Sur Fenech Adami spjega li dan is-servizz ser ikun offrut lir-Reġjun, lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun, kif ukoll dawk l-NGOs li juru l-interess tagħhom li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

86.4.6 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, xtaqet tagħti spjegazzjoni qasira dwar l-inizjattiva finanzjarja tat-tarmak. Hi spjegat kif il-Kunsill Lokali tagħha prova jġib stima tax-xogħolijiet mingħand il-Perit tal-Kunsill Lokali però peress li ġew mitluba jħalsu persentaġġ mingħajr ma jafu fiċ-ċert jekk hux ser jingħataw fondi għalihom, ma setgħux jidħlu għaliha.

86.4.7 Tqajmet diskussjoni dwar jekk il-Perit iżommx ħlas b'rata talli qed tingħata kwotazzjoni.

86.4.8 Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, Paul Radmilli, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex issaqsi lil-kamra tal-Periti dwar dan.

86.4.9 Il-President kompla jispjega li b'kollox disa' Kunsilli Lokali wrew l-interess tagħhom u ssottomettew l-applikazzjoni u ta spjegazzjoni ta' x'kien ġie sottomess.

86.4.10 Il-Viċi President tar-Reġjun, is-Sur Stefan Cordina, spjega li l-Kunsill Lokali tiegħu ssottometta applikazzjoni li t'ammonta għal ftit inqas minn €20,000 sabiex jekk ir-Reġjun jgħati imqar nofshom, il-Kunsill ikun jista' joħroġ il-kumplament tan-nefqa.

86.4.11 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, spjega li l-Kunsill Lokali tiegħu ser jagħmel proġett ta' tarmak u talab sabiex ir-Reġjun jgħatih parti mis-somma tal-€100,000 sabiex ikun qed jgħinu peress li l-proġett qed isiru kollu mill-flus tal-Kunsill Lokali.

86.4.12 Wara diskussjoni dwar dan, il-membri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanete Galea għandha ssaqsi lid-Direttur tad-DLG jekk is-somma tista tinqasam ugwali bejn id-disà Kunsilli Lokali. Għandu jkun hemm *commitment letter* ma kull Kunsill sabiex jaċċerta li l-proġett ikun sar fid-data stipulata u li l-Kunsill kkonċernat ikun finanzjament lest li joħroġ il-

kumplament ta' l-ispiża kkonċernata. Madankollu, kien hemm qbil li l-flus jingħataw meta x-xogħol ikun komplut.

86.4.13 Jekk ikun hemm Kunsill Lokali li jinforma lir-Reġjun li m'għadux interessat minħabba l-finanzi, is-somma tiegħu tinqasam ugwali bejn il-Kunsilli Lokali kkonċernati.

86.4.14 Is-Sur Maximillian Zammit xtaq li jkun hemm ftehim li din l-inizjattiva hija għal dawk id-disa' Kunsilli Lokali li sottomettew l-applikazzjoni fid-data stipulate u mhux wara li sar dan l-arranġament.

86.4.15 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

86.4.16 *18:35pm – is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchnio Cefai skużat ruħha mill-laqgħa*.

## 86.5 Rapporti

***(i) Financial Quarterly Report – April sa Ġunju 2017***

86.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ lill-Accountant ta' dan ir-Reġjun, is-Sur Daniel Galea, sabiex jippreżenta r-rapport.

86.5.2 Wara spjegazzjoni dettaljata mgħotija mis-Sur Daniel Galea, dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

86.5.3 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, talab li jerġgħu jitqassmu somma oħra lill-Kunsilli Lokali.

86.5.4 Il-President issuġġerixxa li tinqasam is-somma ta' €200,000 fil-laqgħa li jmiss u li din ser tkun l-aħħar darba li jitqassmu flus sa l-aħħar ta' din is-sena jekk ir-Reġjun jibqa' ma jdaħħal l-ebda dħul finanzjarju.

86.5.5 Kien hemm qbil dwar dan bejn il-membri preżenti.

86.5.6 Il-Kunsillier ta' Tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, issuġġerixxa li għandha tintbagħat ittra uffiċċjali mir-Reġjun fejn fiha jkun hemm spjegat il-qagħda finanzjarja ta' dan ir-Reġjun u fejn fiha jindika b'mod ċar li b'dan ir-rittmu l-uffiċċini tar-Reġjun ser jispiċċaw jingħalqu għax ma jkunx għad fadal flus għall-operat. L-ittra għandha tkun indirizzata lill-On. Dott. Owern Bonnici u l-On. Scicluna kif ukoll l-On. Parnis għandhom ikun ikkupjati f'din l-ittra.

86.5.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 86.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

86.6.1 Is-Sur Paul Radmilli reġa staqsa dwar il-proposta fuq il-Pjan Ekonomiku, Socjologu, u Kulturali. Hu spjega kif baġit ta' €50,000 f'sena huma ħafna u ppropona li il-baġit ikun ta' €60,000 u jkun mifrux fuq perjodu ta' tliet snien u mhux sena. Dan għaliex il-programmi talfondi Ewropej ma joħorġux kollha fl-istess sena.

86.6.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, insista li sabiex wieħed ikollu riżultat pożittiv il-kuntratt għandu jkun għal perjodu ta' sena.

86.6.3 *19:14pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, skuża ruħu mill-laqgħa.*

## 86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

86.7.1 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 83A u 83B.

86.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 86.8 **Mozzjonijiet**

86.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 86.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

86.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:25 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' Awwissu, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |